**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Justin Camilleri )**

**vs**

**Maximillian Ciantar**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Maximillian Ciantar** ta' sebgha u ghoxrin (27) sena iben Emanuel u Diane nee Borg, imwieled Pieta, Malta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tal-elf disa' mija u disghin (1990) u residenti numru tlieta u erbghin (43), Triq is-Sebh, Marsa, Malta detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 75690 (M) billi huwa akkuzat talli:

1. F'dawn il-gzejjer, u cioe gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana nhar it-28 ta' Settembru, 2017, b' qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli, fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella b' qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-provvedimenti ta' sentenza definittiva moghtija nhar it-28 ta' Jannar 2016 mill-Mgistrat Dr. F. Depasquale LLD, li fiha gie ikkundannat ghall-tlett xhur prigunerija sospizi ghal erbgha snin.

Rat l-Atti processwali kollha u d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Marzu 2019 (Fol. 185) il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom rigward il-kaz.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-*Kummissarju tal-Pulizija* pprezentata fl-erbgha (4) ta' April 2019 (*Fol.* 186 *et seq*.) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Maximillian Ciantar prezentata fit-tnejn (2) ta' Mejju 2019 (*Fol.*194 *et seq*.).

**Ikkunsidrat:**

- **RIJASSUNT TAX-XHIEDA PRODOTTI**

**PS 601 Justin Spiteri** (Fol. 3 et seq) xehed bil-mezz tal-affidavit. Huwa spjega li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30hrs) waqt li kien ronda gewwa Hal Qormi ma' PC 509 gie infurmat bir-radju minn kollegi tieghu li kienu jinsabu fi Triq il-Marsa, Marsa li kienu innutaw lil certu Maximillian Ciantar isuq vettura. Peress li kellhom suspett li Ciantar kien qed isuq il-vettura minghajr licenzja valida tas-sewqan, dawn kienu sejrin iwaqqfuh. Ix-xhud informa lill-kollegi tieghu li huwa kien sejjer fid-direzzjoni taghhom. Xi mumenti wara huwa gie infurmat li Ciantar kien twaqqaf minghajr l-ebda problemi.

Ix-xhud kompla jghid li xi minuti wara rega' sar kuntatt mieghu minn PS 918 u PC 1189 u dawn talbu l-assistenza tieghu ghaliex Ciantar ma kienx qieghed jikkollabora u l-attegjament tieghu kien

sar wiehed aggressiv. Hekk kif ix-xhud wasal fuq il-post sab lill-kollegi tieghu barra mill-vettura tas-servizz u lil Ciantar fuq is-seat ta' wara tal-karozza tax-xoghol ixejjer idejh u saqajh u jghajjat. Ciantar ma kienx immanettjat ghaliex meta gie imwaqqaf mill-Pulizija kien gie infurmat li kienet se tigi iccekkjata l-licenzja tieghu. Hu ma kellu l-ebda problema li jsir dan izda imbaghad bidel l-atteggjament tieghu u beda jgib ruhu b'mod aggressiv. Ghalkemm Ciantar intalab biex jikkalma, dan kien kollu ghalxejn.

Ciantar inhareg mill-vettura tas-servizz, tnizzel mal-art u gie immanettjat u rega' itella' bilqeghda. Dan beda jghajjat u jghid lin-nies li kienu ghaddejjin li kien qieghed jigi imsawwat mill-Pulizija. Ix-xhud cahad li sar xi swat; anzi la Ciantar u lanqas il-Pulizija ma kellhom xi griehi. Tul l-arrest intuzat biss il-forza minima necessarja.

Ciantar ikkalma u saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u fil-basket. Fil-basket instabet sustanza suspettata Cannabis, li Ciantar qal li kienet ghall-uzu personali tieghu. Ciantar gie arrestat u ittiehed l-Ghassa tal-Hamrun. Dan wara li inghata d-drittijiet tieghu. Waqt li kien l-Ghassa, l-atteggjament ta' Ciantar rega' sar aggressiv. F'mument minnhom habbat rasu mal-hajt u twaqqaf mix-xhud biex ma jkomplix ihabbat rasu. Huwa beda jghawweg wkoll idejh bil-manetti fi sforz biex jikser idejh. Huwa ikkalma wara ftit minuti u thalla jpejjep sigarett. Ciantar ittiehed il-lock up tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Il-**<u>Maggur 860 Keith Caruana</u>** (Fol. 12 et seq) xehed li d-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Pulizija rcieva digriet mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras fejn gie allegat li waqt li Maximillian Ciantar kien fil-kustodja tal-Pulizija giet uzata forza eccessiva fuqu. Il-Pulizija baghtet ghall-imputat u ittehditlu stqarrija wara li dan kien ikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu Dr Charlon Gouder.

Il-Maggur kompla jghid li Ciantar kien ikkonferma li kien qieghed isuq il-Marsa ghax kellu bzonn imur ghaz-zewgt itfal tieghu. Huwa gie imwaqqaf mill-Pulizija. Ciantar allega li kienet intuzat forza eccessiva fuqu. Beda jibza' li l-Pulizija ma kinux sejrin jehduh il-Polyclinic meta kien qieghed l-Ghassa l-Hamrun u allura dan beda volontarjament isabbat rasu gol-hajt. Allega wkoll li kien ingibed xi video waqt li kien qieghed jigi aggredit. Il-Maggur kien ghamel verifiki ma' tal-forensika li infurmah li l-video xorta jista jigi *retrieved* mill-mobile allavolja jkun gie kancellat. L-imputat volontarjament ghadda l-mobile lill-Pulizija sabiex issir tali verifika.

Il-Maggur baghat ghall-Pulizija li kienu involuti fil-kaz u kollha hadilhom stqarrija. Dawn spjegaw li lil Ciantar kienu rawh isuq Volvo u kienu instabulu wkoll xi affarijiet relatati mad-droga. Ikkonfermaw li ma kienet intuzat l-ebda forza eccessiva. Fil-bidu lanqas biss kien hemm bzonn xi forza ghaliex l-imputat kien ikkopera. Kienu anke hadulu l-kelb id-dar u hallewlu l-mobile biex ikun jista' jaghmel kuntatt ma' missieru. Spjegaw li Ciantar beda jkun aggressiv wara li hadulu l-kelb u kien gie infurmat li kien sejjer jigi arrestat. Meta imbaghad haduh l-Ghassa tal-Hamrun, Ciantar

beda jaghti b'rasu gol-hajt biex iwegga'. Ma kellux feriti li huma vizibbli li setghu jehduh il-Polyclinic.

Rigward il-videos, minn indagni li saret mill-forensic unit ma irrizulta l-ebda video tal-aggressjoni. Ix-xhud temm jghid li mill-investigazzjoni li ghamel hu ma kienet irrizultat l-ebda aggressjoni u fil-fatt ma rrizultaw l-ebda provi ta' din l-aggressjoni. Ix-xhud esebixxa kopja tad-digriet moghti mill-Magistrata Dr Natasha Galea Sciberras kif wkoll l-istqarrija moghtija minn Ciantar.

**L-Ispettur Jesmond Borg** (Fol. 17) xehed li huwa kien gie involut fil-kaz meta l-imputat li huwa gharaf fl-Awla mar id-Depot biex jigbor il-mobile tieghu. L-Ispettur flimkien mal-Maggur Keith Caruana iccekkjaw id-*data* kollha li kienet giet retrieved mill-istess mobile mill-Forensic Unit u minn din id-*data* ma kien irrizulta l-ebda video tal-allegat incident. Meta gie indikat lilu dan kollu, Ciantar qal lill-Ispettur li seta' kien li minghalih ghafas il-buttuna tar-*recording* meta fil-verita ma kien ghafas xejn peress li dak il-hin huwa kien immanettjat.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Frar 2018, **l-Ispettur Borg** ipprezenta kopja tas-sentenza moghtija kontra l-imputat Maximillian Ciantar mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale. Il-Qorti kienet sabet li Ciantar kiser ordni ta' probation u ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur habs sospizi ghal erba' snin.

**<u>PC 509 Jurgen Pace</u>** (Fol. 22 et seq) xehed bil-mezz tal-affidavit. Huwa spjega li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30hrs) waqt li kien ronda gewwa Hal Qormi ma' PC 601 gie infurmat bir-radju minn kollegi tieghu li kienu jinsabu fi Triq il-Marsa, Marsa li kienu innutaw lil certu Maximillian Ciantar isuq vettura. Peress li kellhom suspett li Ciantar kien qed isuq il-vettura minghajr licenzja valida tas-sewqan, dawn kienu sejrin iwaqqfuh. PS 601 informa lill-kollegi tieghu li huma kienu sejrin fid-direzzjoni taghhom. Xi mumenti wara huma gew infurmati li Ciantar kien twaqqaf minghajr l-ebda problemi.

Ix-xhud kompla jghid li xi minuti wara rega' sar kuntatt maghhom minn PS 918 u PC 1189 u dawn talbu l-assistenza taghhom ghaliex Ciantar ma kienx qieghed jikkollabora u l-attegjament tieghu kien sar wiehed aggressiv. Hekk kif ix-xhud wasal fuq il-post sab lill-kollegi tieghu barra mill-vettura tas-servizz u lil Ciantar fuq is-seat ta' wara tal-karozza tax-xoghol ixejjer idejh u saqajh u jghajjat. Ciantar ma kienx immanettjat ghaliex meta kien gie imwaqqaf mill-Pulizija kien gie infurmat li kienet se tigi iccekkjata l-licenzja tieghu. Hu ma kellu l-ebda problema li jsir dan izda imbaghad bidel l-atteggjament tieghu u sar aggressiv. Ghalkemm Ciantar intalab biex jikkalma minn PS 601, dan kien kollu ghalxejn.

Ciantar inhareg mill-vettura tas-servizz bl-anqas forza possibbli, tnizzel mal-art u gie immanettjat u rega' itella' bilqeghda. Dan beda jghajjat u jghid lin-nies li kienu ghaddejjin li kien qieghed jigi imsawwat mill-Pulizija. Ix-xhud cahad li sar xi swat; anzi la Ciantar

u lanqas il-Pulizija ma kellhom xi griehi. Tul l-arrest intuzat biss il-forza minima necessarja.

Ciantar ikkalma u saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u fil-basket minn PS 601. Fil-basket instabet sustanza suspettata Cannabis, li Ciantar qal li kienet ghall-uzu personali tieghu. Ciantar gie arrestat u ittiehed l-Ghassa tal-Hamrun. Huwa inghata wkoll id-drittijiet tieghu. X'hin kien l-Ghassa, l-atteggjament ta' Ciantar rega' sar aggressiv. F'mument minnhom ix-xhud sema' tisbita mal-hajt li kienet gejja mill-kamra fejn kien hemm l-imputat. PS 601 dahal fil-kamra u qal lil Ciantar biex ma jkomplix ihabbat rasu. Ciantar imbaghad ittiehed il-lock up tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

**<u>PS 918 Clayton Azzopardi</u>** (Fol. 35 et seq) xehed li dakinhar tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30hrs) Maximillian Ciantar twaqqaf gewwa Triq il-Marsa, l-Marsa stess waqt li kien qieghed isuq karozza tat-tip Volvo. Wara verifi li ghamel ix-xhud irrizulta li Ciantar kellu bail condition li ma jsuqx. Instabet wkoll sustanza suspettata kannabis fuq il-persuna tieghu. Peress li fejn twaqqaf Ciantar kien vicin ir-residenza tieghu u kellu l-kelba mieghu, wiehed mill-Pulizija mexa mal-imputat sabiex dan jiehu l-kelba d-dar. Meta imbaghad gie biex jehduh l-Ghassa, ghall-bidu s-sitwazzjoni kienet kalma. Izda hekk kif tela' fil-vettura, Ciantar biddel l-atteggjament tieghu u beda jallega li l-Pulizija kienu qeghdin isawtuh. Ix-xhud qal li kellhom jitolbu l-assistenza ta' aktar Pulizija. Ciantar inhareg mill-vettura. Huwa beda jirresisti, jaghti mal-art, jghajjat li l-Pulizija kienu

qeghdin isawtuh u beda anke jitlob l-assistenza lin-nies li kienu ghaddejjin dak il-hin. Huwa gie immanettjat u ittiehed l-Ghassa. Waqt li kien l-Ghassa, Ciantar skuza ruhu u qal li hekk kif jara l-uniformi jintilef. Fl-ghassa beda jhabbat rasu fic-cella u jghawweg il-manetti biex jipprova jwegga' lilu nnifsu. Minn hemm imbaghad ittiehed lejn il-lock-up.

**<u>PC 1189 Jurgen Falzon</u>** (Fol. 37 et seq) xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 waqt li kien fuq ronda flimkien ma' PS 918 Clayton Azzopardi fi Triq il-Marsa, Marsa huwa ra lil Maximillian Ciantar ghaddej b'vettura Volvo bin-numru JAN 964. Hu kien infurmat li l-imputat kellu l-licenzja mizmuma ghal certu zmien. L-imputat – li x-xhud gharaf fl-awla – twaqqaf biex isiru l-verifiki. Saret wkoll tfittxija u instabu sustanzi suspettati li kienu droga. Ciantar inghata d-drittijiet tieghu u gie arrestat. Ix-xhud kompla jghid li ezatt kif rikeb fil-vettura, Ciantar beda jghajjat u jsabbat gol-karozza. Intalbet l-assitenza ta' units ohra u minn hemm baqghu sejrin l-Ghassa tal-Hamrun. Fl-Ghassa tal-Hamrun, Ciantar tpogga fic-cella u hemmhekk huwa beda jipprova jwegga' lilu nniffsu kemm bil-manetti kif wkoll hin minnhom habbat rasu mal-hajt.

**<u>PS 1543 Oliver Cassar</u>** (Fol. 40 et seq) xehed li huwa kien xoghol fil-lock-up tal-Pulizija d-Depot isfel. Ciantar ingab il-lock-up wara li kien gie arrestat ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghodu (10.45hrs). Saret ir-registrazzjoni tal-persuna u saret wkoll *strip search*. Gie innutat li Ciantar kellu xi hmura u grif fuq il-persuna tieghu. Kompla jispjega li normalment meta persuna tiddahhal fil-

lock-up tal-Pulizija u jkollha xi sinjali li jistghu jindikaw xi forma ta' griehi, din il-persuna tintbaghat il-poliklinika tal-Furjana. Izda peress li Ciantar kien qieghed f'kunflitt u battibekk kontinwu mal-membri tal-RIU, huwa rrifjuta li jmur il-poliklinika dak il-hin. Bi qbil ma' Ciantar saret nota fil-ktieb tar-registrazzjoni tad-detenuti fis-sens li kien jidher car li l-imputat kellu grif fuq il-persuna tieghu ghaliex aktar kmieni kien gie arrestat b'mod goff u fiziku minn membri tal-korp tal-Pulizija fil-Marsa. Ciantar baqa' jirrifjuta li jmur il-poliklinika.

Ciantar tqieghed fic-cella 105 u qabad kwistjoni ma' detenut iehor li kien fic-cella ta' magenbu. Il-Pulizija htigielhom li lil Ciantar jitfghuh f'cella ohra precizament ic-Cella 115 biex ma jkunx hemm konfronti bejn iz-zewg detentuti. Ghalkemm saru tentattivi biex Ciantar jikkalma, huwa ma ikkalmax u waqt li kien fic-cella beda jistabat mal-hajt u ghamel wkoll hsara fic-cella. Kisser sink tal-istainless steel u b'rizultat ta' hekk soffra griehi f'idu. Ciantar imbaghad inhareg mic-cella 115 u tpogga fic-cella 117 peress li fic-cella 115 kien hemm wkoll xi demm. Ix-xhud informa lil tal-Forensika biex jigu jiehdu r-ritratti tac-cella u tal-hsarat li kien hemm fiha.

Sadanittant huwa ghamel kuntatt mal-Ispettur Magro u infurmah li Ciantar ried jittiehed il-poliklinika peress li kellu xi griehi u kien jehtieg li jigi medikat. Fil-Poliklinika inhareg certifikat fuq il-griehi li kien soffra waqt li kien qieghed fic-cella kif wkoll tal-griehi li kellu originarjament, li Ciantar baqa' jallega li saru minn membri tal-

Korp waqt l-arrest tieghu. Ix-xhud kompla jistqarr wkoll li wara li kien spicca mix-xoghol, huwa kien gie infurmat li Ciantar kien rega' ittiehed il-poliklinika ghat-tieni darba ghaliex kien qieghed jghid li kien mugugh.

Ix-xhud esebixxa estratti mill-ktieb tar-registrazzjoni tad-dentenuti, certifikati medici li inhargu mill-Poliklinika tal-Furjana kif wkoll l-okkorrenza relatata mal-arrest.

**In kontro-ezami**, ix-xhud gie mistoqsi dwar id-diskors li kien intqal lil Ciantar mid-detentur l-iehor. Ix-xhud ma ftakarx il-kliem bl-ezatt li inqtal. Qal biss li kien hemm kliem ta' konfrontazzjoni bejn it-tnejn u Ciantar anke offenda lid-detentut l-iehor b'ommu.

**L-Ispettur Justin Camilleri** (Fol. 49A) ipprezenta kopja tad-digriet moghti mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras fejn gie ordnat li issir investigazzjoni rigward l-allegazzjoni li intuzat forza eccessiva fuqu waqt li kien fil-kustodja tal-Pulizija.

**PS 826 Matthew Parnis** (Fol. 51) xehed illi hu kien gie inkarigat mill-Ispettur Elliot Magro sabiex fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 huwa jaccedi fi-cella numru 115 tal-lock-up tad-Depot. Ix-xhud gie indikat hsarat fis-sink ta' lewn il-fidda li kien imwahhal mal-hajt kif wkoll ticpis hamrani mal-art suspettat demm. Huwa ha diversi ritratti, liema ritratti huma inkluzi fir-rapport tieghu.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar 2019, id-Deputat Registratur tal-Qorti ipprezentat traskrizzjonijiet tax-xhieda li inghataw fil-kawza Il-Pulizija vs Maximillian Ciantar quddiem il-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras.[1]

**PS 918 Clayton Azzopardi** fix-xhieda li ta quddiem il-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras (Fol. 90 et seq) xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2019 huwa flimkien ma' PC 1189 waqqfu lil Maximillian Ciantar li kien qed isuq vettura Volvo bin-numru tar-registrazzjoni GAN 964. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u indika li kien wiehed mill-persuni li l-Pulizija kellha informazzjoni li kellu l-licenzja sospiza. Ciantar twaqqaf u saret wkoll tfittixija fuq il-persuna tieghu. Ciantar stess indika li kellu ammont zghir ta' haxixa ghall-uzu personali tieghu. L-imputat gie arrestat kemm minhabba l-kwistjoni tal-licenzja kif wkoll minhabba s-sustanza suspettata cannabis. Huwa idahhal fil-vettura tal-Pulizija minghajr manetti ghaliex kien ghadu kwiet u kien anke qieghed jikkollabora mal-Pulizija. Kif gew biex isuqu minn fuq il-post, Ciantar beda jghajjat biex ma jsawtuhx u beda jhabbat rasu mal-hgiega. Kif ra n-nies ghaddejjin beda jitlob l-assistenza tan-nies li kienu ghaddejjin u beda jghidilhom li kien qieghed jigi imsawwat. Sa dak il-hin kien ghadu minghajr manetti. Kien wkoll qieghed jipprova jigbed video biex ipattiha lill-Pulizija.

[1] Il-Qorti rat u evalwat it-traskrizzjonijiet kollha li gew prezentati. Madanakollu fir-rijassunt tax-xhieda dahlet biss dawk ix-xhieda li huma rilevanti ghall-kaz odjern.

Ix-xhud kompla jghid li imbaghad waslet fuq il-post vettura ohra tal-Pulizija u minnha hargu PC 509 u PC 1189. Ciantar inhareg mill-vettura, tnizzel mal-art bil-forza minima necessarja u beda jaghti b'saqajh u b'idejh taht zaqqu. Huwa beda jirrezisti u jghajjat u jwerzaq biex jigbed l-attenzjoni tan-nies. Ciantar gie immanettjat u ittiehed l-Ghassa. L-Ghassa tal-Pulizija huwa baqa' jhedded u ipprova jhabbat rasu diversi drabi mal-hajt tal-ghassa tac-cella. Wara ftit Ciantar ghajjat lix-xhud u skuza ruhu mieghu. Beda jghidlu biex jitilquh u li kien ghamel zball u li ried imur jara lit-tifel. Minn hemm imbaghad ittiehed il-lock-up minn PS 601 u PC 509.

**<u>In kontro-ezami</u>**, PS 918 Clayton Azzopardi xehed li Ciantar kien qed isuq b'mod normali u ma kienx qed isuq b'velocita eccessiva. Minkejja li kien sarlu s-sinjal mill-Pulizija biex jieqaf, Ciantar kompla jsuq ghal diversi metri sakemm imbaghad inghalaq mill-Pulizija. Kompla jghid li Ciantar gie mistoqsi jekk kellux licenjza tas-sewqan. Hu qal li kellu licenzja, ma kinitx sospiza u li din kienet ghand missieru. Ix-xhud gie muri wkoll il-licenjza u qal li huwa l-licenzja ta' Ciantar kien qed jaraha dakinhar ghall-ewwel darba. Spjega wkoll li mis-sistema taghhom, Ciantar kien jirrizulta li kellu l-licenzja sospiza ghal ftit xhur.

Mistoqsi jekk xi hadd uzax il-forza, ix-xhud cahad li intuzat xi forza u li hu ma kienx ha lill-imputat il-poliklinika. Kienu haduh tal-Ghassa ghax kien ipprova jwegga' lilu inniffsu. Kompla jispjega li waqt li kien l-Ghassa, Ciantar kien hareg il-manetti u minn wara

ghamilhom quddiemu u imbaghad beda jghawweg idejh biex iwegga idejh fi sforza sabiex jikser il-polz.

Fuq mistoqsija tad-difiza ix-xhud ikkonferma wkoll li l-imputat kien qallu li kien sejjer jara t-tifel tieghu. Ma semmilux li ma kien hemm hadd minn jigbru. Ciantar lanqas ma qallu li ried imur id-Detox ghall-mistura. Il-mobile ittiehed lill-imputat wara li kien gie immanettjat. Mistoqsi jekk kienx thassar xi materjal minn fuq il-mobile, ix-xhud qal li ma kien thassar l-ebda materjal u li l-mobile kien fil-presenza tal-imputat. Ix-xhud ma gharafx iwiegeb ghalfejn x'hin inxteghel il-mobile, dan instab li kien qieghed fuq il-gallery.

**<u>In ri-ezami</u>**, ix-xhud kompla jghid li l-vettura giet ipparkjata fil-genb u inghalqet fil-presenza tal-imputat. Ic-cavetta imbaghad giet mghoddija lil tal-Ghassa. Il-kelb li kellu l-imputat twassal f'residenza fil-qrib. Sa x'hin kienu sejrin bil-kelb, l-imputat kien cempel lil xi hadd. Ix-xhud ma kienx jaf lil min cempel. Li jaf zgur kien li Ciantar beda jghid li kien se jpattiha lin-918 C Azzopardi. Ix-xhud cahad li Ciantar kien qalilhom li ghejjewh jigru warajh.

**<u>PS 1189 Jurgen Falzon</u>** xehed wkoll quddiem il-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras (Fol. 105 et seq). Huwa spjega li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 waqt li hu u PS 918 kienu ghaddejjin bir-ronda taghhom huma innutaw lill-imputat Ciantar ghaddej isuq vettura Volvo bin-numru GAN 964. Ciantar gie imwaqqaf fuq suspett li ma kellux licenzja biex isuq. Saret tfittxija fil-vettura u fiha ma instab xejn. Fuq il-persuna tieghu go landa f'basket iswed

instabet ftit haxixa. L-imputat gie eskortat id-dar tan-nanna biex ihalli l-kelba peress li kien sejjer jittiehed l-Ghassa biex jigi verifikat jekk kellux licenzja valida. Il-karozza tal-imputat giet ipparkjata fil-genb u maghluqa fil-presenza tal-imputat stess. Ciantar dahal fuq wara tal-karozza tas-servizz in-naha tal-passiggier filwaqt li s-Surgent qaghad bil-qeghda fejnu wara x-xufier. Hekk kif ix-xhud qabbad il-karozza, Ciantar beda jghajjat u jwerzaq u jsabbat gol-vettura. Huwa nizel minnufih u sadanittant lahqet waslet unit ohra tal-Pulizija. Ciantar tnizzel mal-art biex jigi immanettjat. Hu beda jissielet u jirresisti l-arrest u idejh tefaghhom tahtu u l-Pulizija kellhom jissieltu biex jimmanettjawh. Minn hekk imbaghad Ciantar ittiehed l-Ghassa. Hemmhekk huwa ipprova jwegga' lilu inniffsu bil-manetti u sahansitra sabbat rasu mal-hajt tal-Ghassa. Minn hemm imbaghad ittiehed il-lock up.

Qabel l-arrest, Ciantar intalab il-licenzja. Hu beda jghid li kellu licenzja u wara li gie arrestat huwa beda jindirizza kliem fid-direzzjoni tal-Pulizija fis-sens li kien se jpattihielhom talli kienu arrestawh. Dan id-diskors qalu fil-karozza. Ix-xhud spjega wkoll li l-imputat beda anke jghajjat lin-nies li kienu ghaddejjin fit-triq u jallega li l-Pulizija kienet qeghda isawwtuh. Waqt l-arrest, l-imputat beda jghid wkoll lill-Pulizija li huwa kien qieghed jirrekordjahom. Il-mobile ittiehed minghandu u intefa' mal-affarijiet personali tal-imputat. Dan dejjem fil-presenza tieghu. Qal wkoll li kienet intalbet l-assistenza ta' unit ohra tal-Pulizija bhala procedura. Ghalkemm ghall-ewwel Ciantar kien kalm, ix-xhud xorta qal lill-unit l-ohra biex jibqghu serjin fil-post fejn kienu huma.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud qal li Ciantar kien qabad jinnervja ghaliex kien sejjer jittiehed l-Ghassa. Ikkonferma li ghall-ewwel ghalkemm Ciantar kien jidher agitat kien kalm u fil-fatt lanqas ma kien hemm il-htiega li jigi immanettjat. B'riferenza ghal-licenzja, ix-xhud kompla jghid li kienu sejrin jehduh l-Ghassa biex jaghmlu l-verifiki taghhom dwar il-licenzja. Ix-xhud gie muri wkoll il-licenzja tal-imputat u qal li dik kienet l-ewwel darba li huwa kien qieghed jara dik il-licenzja. Ix-xhud sostna wkoll li l-mobile ma ittehdix lill-imputat mill-ewwel. Ittehidlu aktar tard x'hin kien qieghed taht arrest. Mistoqsi jekk waqt li kien fil-vettura, ix-xhud kienx sema' ghajjat ta' ugiegh da parti tal-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Ikkonferma li l-imputat kellu nuccali pero ma ftakarx x'sar minn dan in-nuccali. Ix-xhud cahad wkoll li kienu thassru xi affarijiet minn fuq il-mobile tal-imputat.

Fis-seduta quddiem il-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, l-**<u>Ispettur Eliott Magro</u>** (Fol. 118 et seq) xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11.00am) gie infurmat illi PS 918 u PC 1189 kienu waqqfu lil Maximillian Ciantar waqt li dan kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Volvo bin-numru GAN 964. Ciantar twaqqaf fuq suspett li kien qed isuq minghajr licenzja. Ghall-ewwel Ciantar ikkopera mal-Pulizija u anke ammetta li kellu l-cannabis. Huwa gie arrestat u dahal fuq in-naha ta' wara tal-vettura. Hekk kif dahal fil-vettura huwa beda jagita ruhu u kien hemm xi nies li beda jghidilhom li kienu qeghdin isawtuh il-Pulizija. Minn hemm huwa ittiehed l-Ghassa tal-

Hamrun u waqt i kien l-ghassa beda jhabbat rasu mal-hajt. L-Ispettur ta struzzjonijiet biex Ciantar jittiehed il-lock-up tal-Floriana. Waqt li Ciantar kien fil-lock-up, l-Ispettur gie infurmat li Ciantar kien jehtieg kura ghall-griehi li kien sofra u ghalhekk huwa baghat Pulizija minn tieghu biex jehduh il-poliklinika tal-Floriana. Irrizulta li kien qed isofrni minn griehi ta' natura hafifa l-aktar brix fuq irkuptejh.

Aktar tard f'dik il-gurnata, huwa rega' gie infurmat mis-Surgent tal-lock-up li Ciantar kien qieghed ikun aggressiv fic-cella tieghu u li sahansitra kien kisser sink tal-ilma li kien hemm fic-cella. Ghal darba ohra kellu jerga' jittiehed il-poliklinika minhabba l-griehi li soffra f'idejh.

Rigward il-vettura li kien qed isuq Ciantar, din ittiehdet gewwa l-compound ta' St Andrews. Mill-investigazzjoni li ghamel dakinhar l-Ispettur, irrizulta li bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest Ciantar ma setax isuq karozza jew mutur.

L-Ispettur kompla jghid li huwa ha stqarrija tal-impuat fejn ghall-bicca l-kbira tal-istqarrija huwa ikkollabora. Qal li Ciantar kien spjegalu li kellu jmur Birzebbuga minhabba l-access ghal ibnu. Ma kellux min iwasslu u allura ha l-karozza ta' ommu. Qal wkoll li kien mar biex jiehu l-mistura d-Detox u kien sejjer Birzebbuga. Sostna li l-Pulizija tal-RIU kien uzaw forza eccessiva fuqu u bdew jilwulu idejh. Kompla jghid li Ciantar qallu li ipprova jiehu l-video ta' dak li kien qieghed jigri izda l-Pulizija hadlu l-mobile minn idejh. Dak

il-hin l-Ispettur ghadda l-mobile lill-imputat biex jara jekk dan il-filmat kienx gie verament recorded. Ciantar sostna li l-mobile kien fuq il-photo gallery, li xi hadd kien qaghad iqalleb fir-ritratti u li l-Pulizija hassrulu l-filmat li kien lahaq gibed.

Meta l-imputat gie mistoqsi rigward l-incident tas-sink tal-lock-up, l-imputat qam bil-wieqafa u ried jieqaf mill-istatement u jitlaq 'l hemm. L-Ispettur tah il-police bail u sussegwentement ressqu taht arrest.

**<u>In kontro-ezami</u>**, meta gie mistoqsi jekk kienx investiga l-allegazzjonijiet dwar uzu eccessiv ta' forza, l-Ispettur wiegeb li tali investigazzjonijiet ma jsirux minnu imma mid-Dipartiment tal-Internal Affairs tal-Pulizija. Mistoqsi jekk il-Pulizija setax kellhom filmati ta' dak li kien ghaddej, ix-xhud wiegeb li kullma qalulu l-Pulizija kien li l-mobile kien f'idejn l-imputat. Pero ma kienx qed jigbed filmati. Ciantar kien qalilhom li se jigbed filmati. Meta kien fl-ufficju tieghu, Ciantar kien qallu li fil-fatt hu kien gibed u irrekordja xi haga. Pero dawn ir-recordings ma kinux instabu. Mistoqsi jekk indagax mal-membri tal-RIU kellhomx xi filmati, hu wiegeb fin-negattiv. Ix-xhud ma gharafx iwiegeb kif il-mobile tal-imputat kien fuq il-gallery. Sostna biss li l-mobile kien gie mghoddi lil tal-Ghassa u intefa' f'envelope u hu kien wrieh lill-imputat hekk kif kien.

Mistoqsi kinitx procedura li tissejjah it-tieni unit tal-Pulizija, ix-xhud sostna li l-Pulizija tal-ewwel unit kienu qeghdin fuq il-post.

L-imputat beda jsir aggressiv u ghalhekk intalbet l-ghajnuna tat-tieni vettura.

Mistoqsi wkoll ghalfejn kien ta l-police bail, l-Ispettur wiegeb li huwa ried jivverifika l-kundizzjonijiet tal-bail u barra minn hekk dakinhar kellu erba' min-nies arrestati u ma riedx izomm lill-imputat aktar milli kien hemm bzonn. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-imputat kien mar id-depot qabel il-hin li kien inghata fil-police bail.

**<u>PC 299 Damien Cilia</u>** (Fol. 126 et seq) xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 huwa kien qieghed xoghol fl-Ghassa tal-Hamrun. Ghall-habta tal-hdax neqsin ghoxrin ta' filghodu (10.40hrs) Maximilian Ciantar ingab fl-Ghassa tal-Pulizija. Huwa gie infurmat li Ciantar kien twaqqaf ghaliex kien qed isuq u kienet anke instabet xi droga fuqu. Spjega li Ciantar ghamel xi hin bil-qeghda hdejh. Wara xi hin Ciantar xtaq jistrieh ghall-kwiet u ghalhekk dahhluh goc-cella. Ix-xhud innota li Ciantar kien nervuz hafna u ma kellux kwiet. Daqqa kien imur fejn ix-xhud u daqqa jerga' jidhol goc-cella. L-Ispettur li kellu jkellem lil Ciantar inqabad fuq bicca xoghol ohra u ghalhekk Ciantar gie infurmat li kien sejjer jitnizzel il-lock-up tal-Floriana sakemm l-Ispettur jkun jista' jkellmu. F'dak il-hin Ciantar dahal jigri goc-cella u x-xhud sema' hoss ta' xi haga tahbat mal-hajt. Fil-pront is-Surgent u l-Pulizija l-ohrajn dahlu jigru warajh ghax mid-dehra Ciantar kien habbat rasu mal-hajt. Huma riedu jzommuh milli jkompli iwegga' lilu inniffsu.

**PS 601 Justin Spiteri** (Fol. 130 et seq) xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30hrs) huwa gie infurmat mill-kollegi tieghu PS 918 u PC 1189 li huma kienu raw lil Maximillian Ciantar isuq. Peress li kellhom suspett li Ciantar seta' ma kellux licenzja, huma iddecidew li jwaqfuh. Is-Surgent iddecieda li jsuq fid-direzzjoni tal-Marsa fejn Ciantar kien twaqqaf. Mat-triq huwa gie infurmat li s-sitwazzjoni kienet qeghda taht kontroll u li Ciantar kien twaqqaf u kien qieghed jikkollabora mal-Pulizija. X'hin kwazi kien wasal fil-post fejn kien twaqqaf Ciantar, ix-xhud gie infurmat li Ciantar kien sar aggressiv. Kif wasal fuq il-post sab lil Ciantar fuq wara tal-vettura tas-servizz jghajjat u jxejjer idejh. Iz-zewg Pulizija l-ohra kienu barra mill-vettura. Ciantar inhareg mill-vettura, tnizzel mal-art u gie immanettjat ghax sa dak il-hin kienu ghadu ma giex immanettjat. Minn hemm imbaghad rega' idahhal fil-karozza tas-servizz. Ix-xhud kompla jghid li huwa rikeb fuq quddiem filwaqt li PS 918 rikeb fuq wara u PC 1189 saq il-vettura lejn l-Ghassa tal-Hamrun.

Meta waslu l-Ghassa tal-Hamrun, ix-xhud infurmah li kellhom suspett li huwa kien qed isuq meta mhux suppost kien qieghed isuq. Saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u minn basket li kellu instabet sustanza suspettata haxixa. Ciantar ikkonferma li din kienet ghall-uzu personali tieghu. Huwa gie arrestat u inghata d-drittijiet tieghu.

Is-Surgent tal-Ghassa kien barra fuq xoghol u sakemm qaghdu jistennewh, Ciantar beda jibdel l-atteggjament tieghu: filli jkun

normali u filli kien jigi hin li jimtela' b'nervi kbar. Hin minnhom anke habbat rasu mal-hajt. F'hin minnhom beda wkoll idawwar idejh li kienu bil-manetti fi sforz sabiex jikser idejh. Mill-Ghassa tal-Hamrun, Ciantar imbaghad ittiehed fil-lock-up tal-Pulizija.

Ix-xhud temm jghid li waqt li Ciantar kien qieghed jigi immanettjat, huwa beda jghajjat quddiem in-nies li kienu ghaddejjin li hu kien qieghed jigi imsawwat mill-Pulizija.

**PS 1543 Oliver Cassar** (Fol. 146 et seq) xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 huwa kien stazzjonat fil-lock-up tal-Pulizija fil-Floriana. Ciantar kien ingab fil-lock-up wara li kien involut f'incident mal-Pulizija, kien qed isuq b'mod perikolzi u anke instabet fuqu sustanza illegali. Meta Ciantar idahhal fil-lock-up, huwa gie mistoqsi jekk kellux bzonn tabib jew jekk jihux medicinali regolari. Ix-xhud ghamel arrangament biex Ciantar imur fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u minn hemm irrizulta li ma kienx jiehu medicini regolari.

Ciantar sar aggressiv u anke dahal f'argument ma' detenut iehor tant li kellha tinbidillu c-cella. Fit-tieni cella huwa kisser sink tal-istainless steel u qatta' s-saqqu. Huwa soffra xi griehi ghaliex kien hemm wkoll xi demm fuq is-saqqu. Kellha ghalhekk terga' tinbidillu c-cella ghat-tielet darba. Ciantar gie skortat lejn ic-Centru tas-Sahha ghat-tieni darba. Issejjhu wkoll tal-forensika biex jiehdu r-ritratti tac-cella. L-ispejjez involuti ammontaw ghal ftit aktar minn hames mitt ewro (€ 500).

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud wiegeb li ritratti tal-imputat ma kinux ittiehdu u lanqas tal-griehi. Certifikati medici biss kien hemm. Kien inhareg certifikat mediku l-ewwel darba li Ciantar kien mar il-poliklinika meta beda jallega li kien gie imsawwat mill-Pulizija u kien hemm certifikat mediku iehor meta l-imputat soffra griehi meta kisser is-sink.

**<u>PC 509 Jurgen Pace</u>** (Fol. 154 et seq) xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30hrs) gie infurmat minn PS 918 u PC 1189 li kienu sejrin iwaqqfu lil Maximillian Ciantar minhabba li seta' kien qed isuq minghajr licenzja. PC 509 qal li hu u siehbu saqu fid-direzzjoni ta' fejn kienu l-kollegi taghom. Dawn kienu jinsabu f'Marsa Road. Xi zewg minuti wara rega' sar kuntatt maghhom minn PS 918 u PC 1189 peress li dawn kienu jehtiegu l-assistenza. Hekk kif nizel mill-vettura, is-Sur Ciantar beda jghajjat ghall-ghajnuna u jallega li l-Pulizija kienu qeghdin isawtuh. Spjega li Ciantar kien fuq in-naha ta' wara tal-vettura tas-servizz u ma riedx johrog. Beda jxejjer idejh u saqajh fid-direzzjoni tal-Pulizija. Ix-xhud kompla jghid li huma fethu l-bieba tal-karozza tas-servizz biex jarrestaw lil Ciantar. Spjega li bl-anqas forza possibbli huma nizzluh mal-art u immanettjawh. Mistoqsi ghalfejn kellhom bzonn jifthu l-bieba biex jimmanettjawh meta dan gia kien qieghed f'vettura tal-Pulizija, ix-xhud wiegeb li huma riedu jimmanettjawh ghax Ciantar kien gie bil-paroli. Wara li gie immanettjat rega' idahhal fil-vettura u minn hemm saqu ghall-Ghassa tal-Hamrun. Mistoqsi jekk Ciantar qalx xi

diskors, ix-xhud wiegeb li lilu personali ma kien qallu xejn. Pero sema' diskors fis-sens li Ciantar beda jghajjat li l-Pulizija kienu qeghdin isawtuh.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel l-analizi taghha tal-akkuzi li qeghdin jigu addebitati lill-imputat u dan fid-dawl ta' dak li hareg mill-atti processwali.

**A. <u>L-Ewwel Imputazzjoni – L-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9</u>**

L-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9 jistabilixxi li: *"Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bil-mod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs David Mizzi</u>**[2] deciza mill-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano spjegat fid-dettal u b'mod tajjeb hafna l-import tal-artikolu 110. B'riferenza ghas-sub-inciz (1) ta' dan l-artikolu l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrimarkat li:

[2] Deciza fis-16 ta' Frar 1998.

> *"ir-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent, ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif wkoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita` kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."*

B'rabta ma' dan is-sub-inciz il-Professur Mamo fin-noti tieghu jikkummenta: *"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence . . . . Whereas, however, in the case of the calumnious accusation*

*properly so called i.e the crime under Section 99 [now section 101] such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*[3]

Minn ezami tal-atti processwali huwa car li fil-mument li Ciantar kien qieghed jigi arrestat dakinhar tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017 u anke f'dak li sehh fis-sighat ta' wara huwa ipprova johloq feriti fuq il-persuna tieghu fi sforz sabiex jaghti l-impressjoni li huwa kien gie imsawwat mill-Pulizija. Anke l-mod ta' kif Ciantar gab ruhu kien intiz li jipprova johloq dan ix-xenarju. Dan jirrizulta mis-segwenti elementi li hargu mill-atti tal-kaz:

(a) Waqt li kien qed isehh l-arrest tieghu, Ciantar beda jghajjat lin-nies li kienu ghaddejjin li huwa kien qieghed jigi imsawwat mill-Pulizija. Beda jsabbat u jghajjat fil-karozza fi sforz sabiex jattira l-attenzjoni tan-nies u anke jghidilhom biex jigu jghinuh biex jevitaw milli huwa jkompli jissawwat;

(b) Beda jilwi idejh waqt li kien bil-manetti fi sforz sabiex huwa jwegga' jew jikser idejh jew il-polz;

(c) Waqt li kien fl-Ghassa tal-Hamrun, beda jhabbat rasu mal-hajt biex jaqsam rasu tant li kellu jigi imwaqqaf mill-Pulizija;

[3] Mamo. A., Notes on Criminal Law, Vol. II, pagna 58

(d) Meta idahhal fil-lock up u saret l-istrip search tal-imputat skont il-procedura normali, kien gie innutat li l-imputat kellu xi hmura u grif fuq il-persuna tieghu. Il-Pulizija riedu li dan jintbaghat il-poliklinika izda peress li l-imputat kien f'battibekk kontinwu mal-membri tal-Pulizija u ma riedx imur il-poliklinika kien intlahaq arrangament biex issir nota fil-prime note tar-registrazzjoni fejn gie miktub: *"Id-detenut kien jidher car illi ghandu grif fuq il-persuna tieghu, dan darba huwa allega li aktar kmieni huwa gie arrestat b'mod goff fiziku minn membri tal-Korp tal-Pulizija fil-Marsa."*[4] Dan kollu jindika li Ciantar kien qieghed jaghmel dan bi skop partikolari u cioe li jitfa' dell ikrah fuq l-ufficjali li kienu arrestawh u eventwalment anke jakkuzahom b'dan l-agir fil-konfront tieghu, kif sewwasew sar u dan anke in vista tar-rikors li huwa ipprezenta fl-atti tal-kaz pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.[5]

(e) Ghall-arrest intuzat biss forza minima necessarja. Dan wara li Ciantar biddel l-atteggjament tieghu u ma bediex jikkoopera mal-Pulizija. Tant is-sitwazzjoni kienet kalma fil-bidu li l-Pulizija li kienu waqqfu lil Ciantar la hassew il-htiega li jimmanettjawh u anke infurmaw lill-kollegi taghhom li ma kellhomx bzonn l-ghajnuna taghhom stante li Ciantar kien ikkopera mal-Pulizija. Din il-Qorti issibha difficli biex temmen li l-Pulizija li ipprocedew ghall-arrest tieghu uzaw id tal-hadid

[4] Fol. 41 tal-process.
[5] Ara fol. 50 tal-process.

mal-imputat meta l-ewwel haga li ghamlu wara li waqqfuh kienu li skortawh lejn residenza li kien qieghed fil-qrib biex ihalli l-kelb tieghu f'din ir-residenza.

Minkejja s-suespost pero, din il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex issib htija fl-imputat ghal din l-imputazzjoni. **<u>Dan ghaliex l-ewwel imputazzjoni kif giet formolata mill-Prosekuzzjoni qieghda tirreferi ghad-data tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2017 biss u mhux ghall-gimghat u x-xhur ta' qabel. Dak indikat aktar 'l fuq gara tul il-gurnata tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017</u>**. Kien f'din il-gurnata li l-imputat ipprova johloq tracci fuq il-persuna tieghu biex jipprova jaghti x'jifhem li huwa kien gie aggredit mill-Pulizija.

Minkejja li hareg car tul il-proceduri li l-kaz sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2017, l-Ufficjal Prosekutur fl-ebda hin ma irregola ruhu u talab il-korrezzjoni relattiva fl-akkuza. Il-Qorti ghalhekk hija marbuta mal-akkuza kif formolata.

Kif gia kellhoma l-opportunita jistabilixxu l-Qrati taghna, id-data tal-allegat reat hija cirkostanza materjali u sostanzjali fl-akkuza **<u>u ghalhekk trid tkun preciza u ma tridx thalli lok ghal dubji</u>**. Mill-atti jirrizulta li l-allegat fatti sehhew f'data ohra differenti minn dik indikata fl-akkuza. Allura dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-prosekuzzjoni ma ippruvatx il-kaz taghha fid-data u l-hin indikati minnha u per konsegwenza ma lahqitx il-grad tal-prova li huwa rikjest fil-kamp penali.

L-importanza tad-dettalji fic-citazzjoni u l-oneru tal-prosekuzzjoni li hija tressaq provi skont kif indikat minnha fic-citazzjoni kienu l-mertu ta' diversi kawzi. Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawzi **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et**,[6] **il-Pulizija vs Warren Piscopo**[7] u **Il-Pulizija vs Ruth Theuma**[8] u **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**.[9] F'dawn il-kawzi l-imputati gew liberati propju minhabba li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu qeghdin jindikaw dati u hinijiet differenti minn dawk indikati fic-citazzjoni kif sewwasew hu dan il-kaz.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rita Zammit**[10] il-Qorti mill-gdid irrijaffermat li d-data tal-allegat reat hija cirkustanza materjali u sostanzjali fl-akkuza. Irriteniet li talba ghall-korrezzjoni f'dawn id-dettalji wara li l-prosekuzzjoni u d-difiza jkunu ghalqu l-provi taghhom *"ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu tal-persuna akkuzata w tali agir, apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq, ikun qed ikun ingust mad-difiza u mal-akkuzat b'mod li johloq pregudizzju w dannu irrmedjabbli."*

Issir riferenza wkoll ghal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Xerri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' April 2012.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2010
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2010
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Ottubru 2005
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005.

fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2017. Il-Qorti tal-Appell irrimarkat li:

*". . . . .il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji tal-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. Issa f'dan il-kaz l-appellanti qed jigi akkuzat bir-reat tar-ricettazzjoni u cioe' illi huwa xtara hwejjeg misruqa. Necessarjament allura dina l-azzjoni kriminuza, dan l-att materjali tar-reat, element essenzjali ghas-sisien tieghu, irid jirreferi ghal zmien specifiku billi l-azzjoni ta'l-akkwist f'dan il-kaz ta' kaxxa tal-hadid ta' vettura, necessarjament hija istantanja.*

......

*Il-Qorti allura ser tieqaf hawn u tistqarr minnufih illi l-appellanti ghandu ragun fl-ewwel aggravvju minnu intentat. Dan ghaliex huwa qatt ma jista' jigi misjub hati li ikkometta r-reat lilu addbitat fid-data indikata fic-*citazzjoni billi kellu jirrizulta ampjament mill-atti illi semmai dan ir-reat sehh ghal habta tal-bidu ta'Novembru 2009 jew ghal tal-inqas fix-xhur bejn Frar 2009 u Jannar 2010 u mhux certament fiz-zmien indikat fl-akkuza."

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti mhux sejra u ma tistax issib htija fl-imputat ghal din l-ewwel imputazzjoni.

**B. <u>It-Tieni Imputazzjoni – L-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9</u>**

It-tieni sub-inciz tal-artikolu 110 jkompli jghid li: *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena."*

Ghar-rigward dan ir-reat, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs David Mizzi</u>** citata aktar 'l fuq spjegat li:

> *"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 110 – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrkjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat huwa l-*

*konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."*

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jikkummenta li: *"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact . . . This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged . . . . The simulation – like calumny – may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it . . . . Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."*[11]

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni imputazzjoni u cioe` dik kontemplata taht l-artikolu 110(2), dik il-parti tal-imputazzjoni li tirreferi ghal simulazzjoni reali jew indirretta ma tistax tirrizulta

[11] Mamo A., ibid, pagni 59 u 60.

ghaliex il-holqien ta' tracci ta' reat ma sarux fil-gurnata indikata mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni redatta minnha.

Madanakollu l-provi prodotti jissuggerixxu li f'dan il-kaz kien hemm simulazzjoni verbali da parti tal-imputat. L-imputat iddenunzja reat li fil-verita kien jaf li ma kienx sehh.

Id-denunzja ta' dawn ir-reati saret mill-imputat meta huwa ta l-istqarrija tieghu lill-Maggur Keith Caruana fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2017. F'din l-istqarrija Ciantar attribwixxa lill-Ufficjali tal-Pulizija li kienu marru jarrestawh b'fatti li minnhom infushom jammontaw ghal reat. Ciantar jallega li huwa kien gie imsawwat minn dawn il-Pulizija u li qala diversi daqqiet minn ghandhom li qataghlu nifsu u li bl-ghajjat li ghajjat semeghtu triq shiha. Sostna wkoll li gie certifikat li huwa kellu shock kbir.[12] Sahansitra jghid li dawn il-Pulizija bdew jaghtuh bis-sieq go dahru u f'hin minnhom xi hadd tela' fuqu minghajr pero ma identifika min kien dan il-Pulizija.

**Bhala parentezi ghas-suespost jigi senjalat li din l-istqarrija ma kinitx qeghda tittiehed lil Ciantar bhala persuna suspettata izda bhala persuna li kien qieghed jaghmel ir-rapport kontra l-Pulizija**. Infatti l-istqarrija ittiehdet minn persuna li kienet addetta ghad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Interni tal-Pulizija li fost affarijiet ohra jinvestiga kazi ta' allegati uzu ta' forza da parti ta' membri tal-Pulizija.[13] La darba f'dak l-istadju Ciantar ma kienx il-fokus tal-

[12] Ara Stqarrija fol. 20 tal-process.
[13] Ara f'dan is-sens ix-xhieda tal-Ispettur Elliot Magro (Fol. 121 tal-process).

investigazzjoni, tali stqarrija ma tistax titqies li hija inammissibbli bhala prova ghas-semplici raguni li Ciantar ma kellux Avukat jassistieh waqt l-istess stqarrija. Tant hu hekk li l-istqarrija ittiehdet in segwitu ghal rikors maghmul mill-istess Ciantar biex il-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga uzu ta' allegat forza eccessiva.

Din il-Qorti tqis li l-imputat kien konxju li dawn ir-reati ma sehhewx fil-mument li huwa ghamel din id-denunzja. Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha abbazi tas-segwenti ragunijiet:

(a) Jekk tabilhaqq Ciantar kien soffra l-aggressjoni allegata da parti tal-Pulizija, wiehed jistaqsi ghalfejn meta gietu l-ewwel opportunita biex huwa jmur fil-Poliklinika biex tali griehi jigu certifikati huwa assolutament ma riedx imur u gie biss invistat sighat wara. Dan wara li allegatament kien wegga' huwa u jaghmel il-hsara fic-cella fejn kien qieghed jinzamm;

(b) Il-Pulizija involuti fil-kaz kollha xehdu li fil-kaz sempliciment intuzat il-forza minima necessarja sabiex l-imputat gie immanettjat. Dan wara li l-istess imputat sar aggressiv. Il-Pulizija kollha ikkonfermaw li kien hemm resistenza qawwija da parti tal-imputat biex jigi arrestat. Issir referenza ghal dak li xehed PC 1189 Jurgen Falzon li spjega li kif hargu lill-imputat mill-vettura u nizzluh mal-art biex jigi immanettjat , huwa beda jirresisti l-arrest, tefa' idejh tahtu biex ma jigix manettjat u l-

Pulizija kellhom jissieltu mieghu biex jkunu jistghu jaghmlulu l-manetti.[14]

Il-Qorti kellha l-opportunita li hija tisma′ lill-ufficjali tal-korp li kienu involuti fil-kaz jixhdu quddiemha kif wkoll li tqabbel din l-istess xhieda ma′ dak li xehdu l-istess ufficjali tal-korp fil-proceduri li ghaddejjin quddiem din il-Qorti diversament preseduta stante li t-traskrizzjonijiet ta′ dik ix-xhieda gew esebiti fil-proceduri odjerni. Ix-xhieda moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija kollha involuti kienet wahda koerenti mill-bidu sal-ahhar kull darba li huma hadu l-pedana tax-xhieda jew inkella gew mitluba jaghtu l-verzjoni taghhom tal-akkadat fil-kors tal-investigazzjonijiet li saru mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Interni tal-Pulizija u din il-Qorti ma sabet xejn x′ticcensura fil-verzjonijiet moghtija jew inkella li qanqlulha dubju dwar l-akkadut;

(c) Ic-certifikati medici li gew prezentati kif wkoll il-prime note tal-lock-up tal-Furjana jindikaw li l-imputat kellu biss grif. Infatti c-certifikat mediku li gie rilaxxat fis-sitta u nofs neqsin hamsa ta′ filghaxija ma kienx jindika li kien hemm xi feriti fuq id-dahar kompatibbli ma daqqiet moghtija fuq id-dahar kif sewwasew allega l-imputat fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija. In vista ta′ dak li xehdu l-Pulizija huwa car li tali grif ma giex rizultat ta′ xi azzjoni diretta tal-Pulizija fuq il-persuna ta′ Ciantar izda sempliciment ghaliex Ciantar ipprova jirresisti l-arrest u issielet

[14] Fol. 106 – 107 tal-process.

mal-Pulizija waqt li kien fl-art biex ma jigix manettjat. Fil-fatt skont kif indikat fic-certifikati medici l-imputat kellu "friction burns" fuq irkupptejh;

(d) Ciantar kien skuza ruhu ma' PS 918 Clayton Azzopardi waqt li kien fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun. Azzopardi kien wiehed mill-Pulizija li kien waqqaf lil Ciantar fil-Marsa u li wkoll ipproceda bl-arrest tieghu. Azzopardi jixhed li Ciantar qallu diskors fis-sens: *"jien naghmel hekk ghax kif nara l-Pulizija, kif nara l-uniformi, nintilef, qalli: Jien m'ghandi xejn personali ghalik."*[15]

Tenut kont tas-suespost, din il-Qorti tqis li din it-tieni imputazzjoni giet pruvata u ghalhekk sejra tinstab htija f'din l-imputazzjoni.

C. **<u>Ksur tal-Provvediment moghti fis-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016</u>**

Minkejja li giet prezentata vera kopja tas-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar 2016 moghtija mill-Magistrat illum Imhallef Dr Francesco Depasquale, **<u>il-Prosekuzzjoni baqghet ma ghamlitx il-prova tal-identita tal-imputat</u>**. L-Ispettur li pprezenta s-sentenza lanqas kien l-ufficjal prosekutur f'dik il-kawza. Apparti minn hekk il-vera kopja tas-sentenza li giet prezentata hija wahda inkonklussiva ghal din l-imputazzjoni stante li la hemm karta tal-identita tal-imputat u lanqas konnotati ohra tal-istess imputat li

[15] Xhieda ta' PS 918 Clayton Azzopardi a fol. 36 tal-process.

ghalih hemm riferenza f'din is-sentenza u li jorbtu mal-konnotati tal-imputat f'din il-kawza. Tali dubju irid bil-fors imur a favur tal-imputat u ghalhekk din il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara li din l-imputazzjoni lanqas ma tirrizulta.

**Il-Qorti ma tistax ma tigbidx l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni li certu zbalji fil-mod ta' kif jitmexxa l-kaz ma jistghux jigu tollerati. Il-parametri ta' kif il-Prosekuzzjoni ghandha tipprepara l-akkuza u kif ghandha tressaq il-provi b'rabta mal-istess huma parametri stabbiliti u ma jistax jkun li bi traskuragni tali parametri ma jigux segwiti rigorosament.**

**KUNSIDERAZZJONIJIET FUQ PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta'*

*gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[16]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi tenut kont li r-rapport tal-imputat mertu tal-kawza fih allegazzjonijiet foloz u li seta' ta lok ghal-proceduri kriminali kontra persuni innocenti u seta ukoll kellu riperkussjonijiet serjissimi anke ghal kariga li ghandhom, il-Qorti ma tistax ma tkunx severa mal-imputat fil-piena li se taghti.

**F'pajjizna ma jistax ikun li nibqghu nittolleraw li f'gieh l-espressjoni hielsa tal-kelma nfarku persuni minghajr dawn ma jkollhom rimedju. Meta tixxandar allegazzjoni falza fuq persuna**

---

[16] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

**tohloq dannu kbir mhux biss lilha imma l-qraba taghha u dawk li jahdmu mal-istess persuna.**

Meta jsiru allegazzjonijiet foloz kif saru f'dan il-kaz, wiehed jista' jqablu bhal kaz fejn persuna jkollha xkora mimlija rix, tmur fix-xaghri u tferrex dak ir-rix. Wara tiddeciedi li tipprova tigbor dak ir-rih izda ma jirnexxiliex tigbor ir-rix kollu. Hekk jigri meta jsiru allegazzjonijiet bhal ma saru f'dan il-kaz fejn persuni li qeghdin jipprotegu lis-socjeta' mill-hazen ikunu akkuzati b'fatti inventati.

Hafna drabi tinghata wisq prominenza meta xi Pulizija jew xi membru iehor ta' korp dixxiplinat jispicca l-Qorti minhabba ksur ta' ligi li huwa suppost jkollu l-obbligu li jara li ma jsirx.

Il-Qorti ma tistax ma tipprotegiex lill-pulizija li jkunu wettqu l-hidma taghhom b'rettezza u skont il-gurament li hadu fil-bidu tal-hidma taghhom fil-Korp tal-Pulizija.

Artikolu 110(2) tal-Kap 9 jipprovdi li:

> *110. (2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati,* ***il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.***

**DECIDE**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-Qorti:

(a) **mhux qiegħda issib lill-imputat Maximillian Ciantar ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni** li ġew dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi;

(b) u wara li rat l-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **qiegħda issib lill-imputat ħati** ta' din l-akkuża u qiegħda għalhekk tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija effettiva, il-massimu li tista' tagħti din il-Qorti għall-imputazzjoni li l-imputat instab ħati tagħha.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**